Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 4**

**Data:** It-Tlieta, 19 t' April 2022
**Ħin:** 17:40
**Post:** Sala, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti online**:
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Membru
Dr. Samuel Azzopard – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**4.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 3**

4.1.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

4.1.2 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**4.2 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 4**

4.2.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Anthony Chircop u s-Sur Sandro Azzopardi, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-23 ta' Marzu 2022 u 19 t' April 2022 li kienet tammonta għall-€100,187.24.

**4.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2022**

4.3.1 Il-President preżenta r-Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2022. Il-President għamel referenza għall-punti li ssemmew fl-overview ta' l-istess dokument.

4.3.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif preżentat.

**4.4 Preżentazzjoni u approvazzjoni Business Plan 2022 - 2026**

4.4.1 Il-President preżenta l-Business Plan għas-sena 2022 sa s-sena 2026. Il-President spjega li ġew ikkunsidrati proġetti kapitali li l-Assoċjazzjoni qiegħda taħdem fuqhom bħalma huwa l-proġett tal-parkeġġ sabiex jiġi konvertit fi spazju miftuħ. Semma wkoll li fuq spejjeż relatati ma' amministrazzjoni u salarji, kien hemm żieda li tirifletti xi inflazzjoni jista' jkun hemm matull dawn l-erba' snin li ġejjin.

4.4.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif preżentat.

**4.5 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **4.5.1 Laqgħat ta' SUMP** | Il-President semma li matul dik il-ġimgħa kien qed jattendi laqgħat organizzati minn Transport Malta bħala parti mill-proġett SUMP. Semma li ġew preżentati |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

dokumentui imħejjija minn esperti barranin flimkien ma' stakeholders lokali. Semma li għandu jibda anki proċess ta' konsultazzjoni fuq bażi Reġjonali.

**4.5.2 Filmat – Ħidmet l-AKL**

Il-President semma li minħabba delegazzjonijiet li jiġu Malta minn żmien għal żmien kif ukoll laqgħat li l-AKL tattendi għalihom barra minn Malta. L-AKL ħadet ħsieb li l-aħħar filmat li sar rigward ħidmet l-AKL ġie maqlub ukoll bil-lingwa Ingliża.

**4.5.3 Laqgħa mal-FITA**

Il-President semma li kienet saret laqgħa mal-FITA. Din hija fergħa maħruġa mil-MITA sabiex tati asssitenza diġitali lill-persuni b' abbilitajiet diversi fejn tidħol l-użu tat-teknoloġija. Il-President semma li l-entita' għandha tibda wkoll komunikazzjoni fuq bażi Reġjonali.

**4.5.4 Laqgħa Plenarja AKL**

Il-President semma li minħabba ċirkustanzi li l-AKL ma kelliex kontroll fuqhom, primarjament iż-żmien li fih ġiet il-kampanja Elettorali, kellhom jiġu posposti l-ġranet li fih kienet ser issir il-Plenarja tal-AKL. Għaldaqstant, qed jiġi propost li ssir nhar 17 u 18 ta' Ġunju 2022. Il-President semma li l-amministrattiv tal-AKL ser jibda jiġbor il-kwotazzjonijiet neċessarji ħalli wieħed ikun jista' jikkonkludi fuq il-ġranet.

**4.5.5 Ittri lill-Kunsilliera/ Talba għal-Laqgħa Formali**

Il-President informa li kienu intbgħatu ittri mill-AKL lill-Kunsilliera kollha li ikkontestaw l-Elezzjoni b' suċċess kif ukoll lil dawk kollha li offrew id-diponibbilita' tagħhom fl-Elezzjonijiet Ġenerali ta' Marzu imma ma kellhomx ir-riżultat mixtieq.

Il-President informa wkoll li kienet intalbet laqgħa formali mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali.

**4.5.6 Compose Plus**

Il-President fakkar li l-AKL kienet qed tipparteċipa fil-proġett Compose Plus. Semma li kien sar Webinar bħala wieħed mill-attivitajiet organizzati mill-AKL u li għalih kienu attendew il-Lead Partners mill-Universita' ta' Kreta. Semma li fis-27 ta' Mejju delegazzjoni ta' rappreżentanti tal-proġett ser ikunu qed jattend għall-site visit f' Malta kif ukoll għal diskussjoni flimkien ma' Presidenti Reġjonali, Sindki, Kunsilliera u stakeholders oħrajn fosthom ERA, Wasteserv, TM u l-Ministeru għall-Ambjent.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **4.5.7 CEMR** | Il-President semma li l-AKL kienet ikkupjata b' korrispondenza mibgħuta minn CEMR lill-MEP Dr. David Casa, dwar studju kif l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jkunu aktar involuti. Il-President semma li l-AKL ssottomettit r-rispons tagħha fejn kien elenkat il-bżonn u anki l-benefiċju li jkun hemm bottom-up approach fejn jittieħdu deċiżżjonijiet fuq bażi lokali kif ukoll tfassil ta' policies. |
| **4.5.8 Tribunal Industrijali** | Il-President semma li kien hemm seduta oħra dwar il-każ ta' ex-impjegata tal-AKL li għadu għaddej mis-sena 2018. Semma kif fl-aħħar xhieda l-ex-impjegata preżentat dokumenti ta' minuti b' firem oriġinali. Il-President semma li talab li dawn id-dokumenti jiġu awtentikati peress li minuti b' firem oriġinali suppost qiegħdin l-AKL u mhux għand ex-impjegata. |
| **4.5.9 BOV** | Il-President semma li kien ikkomunika mal-BOV wara diversi ilmenti li kien qed jirċievi li l-BOV kien qed idum biex jagħti kunsens lill-Awdituri sabiex ikunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni li għandhom bżonn mill-bank. Semma wkoll li kien hemm kwistjonijiet tar-Reġjun Port li l-bank kien qed jitretini biex jagħmel trasferiment ta' fondi għall-kontijiet li r-Reġjun fetaħ ma' bank kummerċjali ieħor. |
| **4.5.10 Fond għall-Ukrajina** | Il-President semma li kienu saru l-affarjiet kollha proċedurali sabiex jinfetaħ merchant account kif ukoll link fil-Website sabiex jinġabru fond għall-għajnuna lill-Ukrajina wara komunikazzjoni li kien hemm mal-Kunsill tal-Ewropa. Semma li l-AKL ser tkun qed tagħmel clip qasir sabiex tippromovi din l-inizjattiva. |
| **4.5.11 Covenant of Mayors** | Il-President semma li l-AKL għddejja b' komunikazzjoni ma' CEMR sabiex wieħed jerġa' jqajjem għarfien fost il-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali dwar l-importanza ta' sħubija fil-Convenant of Mayors. |
| **4.5.12 EU Green Week** | Il-President semma li mit-30 ta' Mejju 2022 sa l-5 ta' Ġunju 2022, ser tkun ikkommemorata l-EU Green Week. Ħajjar ukoll lir-Reġjuni sabiex jipparteċipaw. |
| **4.5.13 Kumitatt Civil Society Committee** | Il-President għamel referenza għall-Kumitatt CSC fi ħdan l-MCESD li fih l-AKL hija rappreżentata mill-President. Il- |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

President propona li s-Sur Anthony Chircop jinħatar sostitut fuq dan il-Kumitatt. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Max Zammit, l-Ezekuttiv approva din il-proposta.

**4.5.14 Plenarja**

Il-President semma li d-data tal-Plenarja ser tkun it-18 ta' Gunju 2022.

**4.5.15 Taħriġ organizzat mill-AKL**

Il-President semma li l-AKL ser tkun qed torganizza taħriġ fuq Digital Marketing, Public Speaking u Speech Writing nhar it-18 u 19 ta' Mejju f' Malta u nhar l-20 ta' Mejju ġewwa Għawdex.

**4.5.16 Laqgħa mal-Onor. Andy Ellul**

Il-President semma li saret laqgħa mal-Onor Andy Ellul sabiex ikun hemm kontinwazzjoni ta' dak li l-AKL kienet iddiskutiet mal-predićessur tiegħu. Semma li l-AKL għaddejja b' laqgħat sabiex minflok tkun rappreżentata fi Civil Society Committee, ikollha siġġu direttament fl-MCESD. Semma li biex dan isir hemm proċess sħiħ għax anki jridu jsiru emendi kostituzzjonali.

**4.5.17 Sponsorship**

Il-President propona li l-AKL talloka €5,000 sabiex jingħataw bħala parti minn sponsorship (15%) lill-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema tal-Kunsilli Lokali li jkunu jridu jagħmlu taħriġ akkreditat fuq Digital Marketing.

**4.5.18 Stqarrija AKL**

Il-President semma li l-AKL kienet ħarġet stqarrija rigward nuqqas ta' tqassim ta' boroz ta' riċċiklaġġ imqasma mill-Kunsilli Lokali.

**4.5.19 Norway Visit – EEA Grants**

Il-President semma li min-naħa tad-Diviżjoni kienu qed jorganizzaw site visit għan-Norveġja għal dawk il-Kunsilli li bbenifkaw mill-Small Gran Scheme mill-Fondi Norveġiżi.

4.5.20 Is-Sur Clifford Galea daħal għal-laqgħa fis-18:16

**4.5.21 ECAD**

Il-President semma li kienet intbgħatet ċirkulari sabiex Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali jissieħbu mal-ECAD. Semma li din id-darba anki minħabba riperkussjonijiet li ġabet magħha l-pandemija speċjalment fuq lokalitajiet żgħar, il-Board tal-ECAD iddeċieda li l-ħlas għandu jkun ta' €250 fis-sena. Semma li lokalitajiet Membri, is-Sindki jkunu jistgħu jattendu għall-konferenza li ser issir f' Ġunju.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**4.5.22 Dementia Awareness**

Il-President semma li għaddejjin laqgħat ma' entiatjiet governattivi kif ukoll l-Universita' ta' Malta sabiex jibda proċess sabiex jitqajjem aktar għarfien ta' kif lokal iżied l-għarfien fost ir-residenti fuq id-Dementia kif ukoll sabiex jitfasslu sett ta' linji gwida li jkunu jistgħu jintużaw mill-lokalitajiet sabiex nersqu aktar lejn dementia friendly socities.

**4.5.23 Fun Run**

Il-President semma li diġa bdew laqgħat preliminari sabiex din is-sena terġa' tiġi organizzata l-President's Fun Run mill-lokalitajiet.

**4.5.24 Bring-in Sites**

Il-President semma li komplew il-laqgħat mal-ERA. Semma li fadal biss 7 lokalitajiet li għadhom mhux konformi. Semma li kien hemm ftehim mal-Kunsilli Lokali li flimkien ma' rappreżentanti mill-ERA jduru l-lokalita' sabiex possibilment jiġu ddentifikati siti fejn jitpoġġew.

**4.5.25 Webinars - Dekasteri**

Il-President semma li sa Mejju l-AKL ser tkun organizzat il-Webinars li jindirizzaw id-Dekasteri kollha li joħroġu mill-liġi.

**4.5.26 Korsijiet tal-First Aid u Fire Fighting**

Il-President semma li għal darb' oħra l-AKL organizzat il-korsijiet tal-First Aid u anki Fire Fighting fejn ingħata sussidju li rappreżentant minn kull Kunsill Lokali jkun jista' jagħmel dan it-taħriġ mingħajr ħlas.
Is-Sur Aquilina semma li t-taħriġ huwa essenzjali għal kulaħdd biss pero jemmen li għandu jkun hemm ċertu taħriġ li jkun fuq bażi obbligatorja. Semma li kandidati prospettivi għall-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali għandhom ukoll jiġu offruti taħriġ li jkun obbligatorju.
Is-Sur Max Zammit semma li t-taħriġ organizzat mill-AKL huwa ferm interssanti, huwa propona li jkun hemm jumejn iddedikati għat-taħriġ.
Il-President semma li huwa kien lest li jibda jaħdem mal-Partiti Politiċi sabiex jiġi imfassal programm ta' taħriġ għall-kandidati prospettivi. Semma li sfortunatament ma ħadd mill-Partiti ma kometta ruħu għal dan il-proġett.

**4.5.27 Place for Play**

Il-Presidnet semma li VisMedNet ikkomunikat mal-AKL rigward proġett li qed jagħmlu b' titlu ta' Place for Play. Semma li delegazzjoni minn pajjiż differenti ser tkun qed iżur siti bħal ġonna pubbliċi u anki playingfields fin-naħa tal-Port. Semma li r-Reġjun Port ser ikun preżenti għal

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

dawn is-site visits.

**4.5.28 Assoċjazzjoni tal-Muniċipalitajiet fil-Ġreċja**

Il-President semma li bdew laqgħat mal-Assoċjazzjoni tal-Muniċipalitajiet fil-Greċja sabiex possibbilment jibda proċess ta' ġemelaġġ bejn l-AKL u din l-Assoċjazzjoni. Semma li waqt l-ewwel laqgħa ġiet preżentata l-Viżjoni tal-AKL kif ukoll issemmew xi sfidi komuni li hemm bejn iż-żewġ Assoċjazzjonijiet.

**4.5.29 Installazzjoni ta' CCTVs**

Il-President semma li inġabbru xi kwotazzjonijiet sabiex jiġu installati CCTV cameras fuq il-bejt fid-dawl li issa l-proġett tar-roof garden daqt lest.

**4.5.30 Jobsplus Seminar**

Il-President semma li fi 22 t' April, l-AKL ser torganizza seminar b' kollaborazzjoni mal-Jobsplus.

**4.5.31 Press Launch – Ġbir ta' Skart Organiku**

Il-President semma li kien għadu kemm ġie nfurmat mill-OPM li l-Press Launch tal-proġett ta' ġbir ta' skart organiku minn stabbilimenti kummerċjali f' żoni tursitiċi fi tmiem il-ġimgħa kienet ser issir nhar 22 t' April. Il-President semma li għad m' għandux ħin u post.

**4.5.32 Ħaddiema Air Malta**

Il-President semma li kien qed isir profiling ta' dawn il-ħaddiema mill-RSSL. Semma li l-problema b' dawn il-ħaddiema fil-Kunsilli Lokali jaf tkun is-salarju, peress li s-salarju ta' dawn il-ħaddiema ġie bbażat fuq take home pay li kien ukoll jinkludi overtime li kienu jagħmlu. Il-President semma li qed jistenna għal data sabiex issir laqgħa mal-RSSL.

**4.5.33 Applikazzjoni ta' Ko-finanzjarjament**

Il-President semma li l-AKL ser tissottometti applikazzjoni għall-ko-finanzjarjament tal-proġett Compose Plus.

**4.5.34 Green Public Procurment**

Il-President semma li nhar l-4 ta' Mejju, l-AKL ser torganizza taħriġ fuq il-Green Public Procurment.

## 4.6 Affarjiet oħra

4.6.1 Is-Sur Jesmond Aquilina staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi min-naħa tad-Diviżjoni fuq is-salarji għas-sentejn li ġejjin tal-Uffiċjali Reġjonali. Il-President semma li hemm skedat laqgħa tal-LGGG mad-Diviżjoni. Il-President Reġjonali qablu li hemm problema kemm finanzjarja kif ukoll li dawn l-Uffiċjali tħallew għar-riħhom min-naħa tad-Diviżjoni meta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

għadu lanqas biss sarilhom l-Induction Training li suppost ijlu li sar sa ftit wara li ġew impjegati.

4.6.2 Is-Sur Aquilina staqsa wkoll fiex kien wasal il-proċess ta' sejħa Reġjonali għall-Ġbir ta' Skart fil-lokalitajiet. Il-President semma li PMC kien għadu ma ħariġx, semma wkoll li kien hemm diskussjonijiet fuq livell Ministerjali sabiex l-PMC jitella' kabinett qabel ikun ippublikat. Il-President semma li ċertament din is-sejħa trid toħroġ mill-aktar fiss possibbli minħabba miri stabbiliti mill-UE.

4.6.3 Is-Sur Anthony Chircop staqsa rigward il-proġett ta' l-istreet lightning. Il-President semma li l-Kunsill ser jibqa' responsabbli kif ukoll jiddeċiedi fejn ser iwaħħal street lightning, biss pero l-kuntrattur ser ikollu ammont ta' snin li jkun responsabbli sabiex joffri garanzija fuq dak li jkun ġie mibdul. Il-President semma li r-Reġjuni u l-Kunsilli Lokali m' għandhomx għalfejn joħorġu sejħiet ġodda għal dan is-servizz peress li l-kuntratt ser ikun qed jiġi implimentat fl-immedjat. Is-Sur Chircop talab li jkun hemm komunikazzjoni mill-Enemalta mil-liema lokalitajiet ser ikun qed jibda dan il-proġett. Kien ikkonfermat ukoll li dawl dekorattiv mhuwiex inkluż f' dan il-proġett.

4.6.4 Chev. Paul Farrugia iddikjara li r-Reġjun Port huwa bħal issa wieqaf minħabba Direttiva maħruġa mid-Direttur Ġenerali fil-konfront tar-Reġjun fid-dawl li bħal issa għaddej Interim Audit fuq ir-Reġjun. Chev. Farrugia semma wkoll li la r-Reġjun huwa wieqaf, huwa ser ikun qed jirreżisti li joħroġu sejħiet Reġjonali bħal biex isir l-istudju ta' Social Impact Assessment.

4.6.5 Il-President semma wkoll laqgħa li saret mar-Reġjuni u d-Diviżjoni għall-preparamenti sabiex toħroġ sejħa għal Social Impact Assessment. Il-President spjega l-benefiċċji li toħroġ sejħa waħda imqassma f' Lots (għal kull Reġjun) fejn il-bażi tas-sejħa u l-metidoloġija użata tkun waħda simili u r-Reġjun jagħżel l-ispeċifikazzjonijiet ta' liema oqsma dan l-istudju ser ikun qed jindirizza fil-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun. Is-Sur Charles Bonello semma li hu jemmen li xorta jista' jintlaħaq l-istess għan jekk kull Reġjun jippublika s-sejħa tiegħu b' mod individwali.

4.6.6 Is-Sur Max Zammit semma li huwa jemmen bi sħiħ fit taħriġ mogħti mill-AKL, jemmen fl-importanza li wieħed ikun imħarreġ sew biex jaqdi dmirijietu. Semma li huwa importanti li s-suġġett jiġi trattat f' laqgħa apparti deddikata għas-suġġett. Semma li jkun xieraq li s-suġġett jittieħed bis-serjeta' u jitfassal mekkaniżmu ta' kif Membri Eletti u Ħaddiema jkollhom taħriġ li jibbenifikaw minnu u li wieħed isib mezzi kif dan anki jkun mandatorju.

**4.7 Aġġornament**

4.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-seba' u kwart ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tlieta, 17 ta' Mejju 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.4 li nżammet nhar it-Tlieta, 17 ta' Mejju 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**